esta en el rinkon — alza la mano — ke te pika el galjo — un monito azul — i otro kolorado)

Bil-Malti tfisser: "Pizpigiraña — toqtol (jew oqtol) il-brimba — qażquż ċkejken — imnittef sewwa — min nittfu? — Ix-xiħa brikkuna — li qiegħda fir-rokna — għolli jdek — biex (jew għax) inaqqrek isserduk — ċoff ikħal — u ieħor imlewwen."

Bħall-kliem tal-Pizzi pizzi kanna tagħna dan huwa kliem bla sens, imma r-ritmu u l-azzjoni li jmorru mal-kliem huma l-istess bħal tagħna.

Tgħid ħallewhielna l-Ispanjoli, jew ħaduha huma, bħalna, minn għand l-Għarab?

---

# GĦADA MAGĦNA

Sawritni n-nida ta' fil-għodu
Mill-ward selvaġġ tax-xagħri.
Xagħri żbul id-deheb,
Pepprin ħaddejja,
Għajnejja l-kampanella.
Sidri xehda għasel ħelu bnin.
Ngħożż ġmieli,
Imkabbra bih
Għax dalwaqt jisbaħ għada...
Il-ward jitbiel,
L-ilwien jitfu,
Jittabba' l-abjad,
Jinxef l-għasel
U għaxja fl-art
Nintemm u mmut.
Ejjew qabel jisbaħ għada
Nitbaħardu.
Duqu ħlewwieti,
Imbagħad morru ħalluni.
Imsieken jekk tħobbuni
U tintilfu wrajja,
Għax jien biss ħolma.
Ma nħossx, ma nħobbx.
Ġisem sabiħ bla qalb.
Ejjew għax għada magħna.

J. J. CAMILLERI

# Leħen il-Malti

Poeżiji ta'
CHARLES MIFSUD

Mill-kordi tal-vjolin,
instemgħu ħerġin
in-noti ħelwin,
u taħt gallerija,
raġel imsaħħar
waqaf jissamma'
il-melodija....

Sa leħen imbergħen, minn tieqa biswit,
fettillu jwaqqafhom, għax hekk ħass ġo fih,
li din frattarija.

Indaqqu ta' l-aħħar żewġ noti miksura —
ir-raġel fi triqtu imnikket, mar lura.

Naf nagħder ġrajjietek
O ċkejken vjolin,
għax bħalek kasbruni
uħud mill-Maltin...

insib min jiddieħek mal-bexqa ta' fommi,
Għax ngħanni għanjieti bl-ilsien li taf ommi,
imqar jekk f'ġieħ arti nitkellem jismagħni
b'inkejja jinqeda b'ilsien il-barrani:
kif għala nistaqsi, igħiduli li morr,
bla ħlewwa tal-widna, bil-leħen taż-żorr.

Imma nweġibhom,
li kif il-furnar
mill-ilma w id-dqiq
iħallat u jħawwad
kif jaf u jixtieq,
u jkompli fil-għaġna
bil-ħmira jirfina
sa jislet mill-qrusa
il-benna fl-għaġina,

hekk tista' tissawwar il-kelma Maltija,
jekk tkun imsoffija mill-ħżuż barranija.